KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 446 (8-74)

It-Tnejn 23 t'Ottubru 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Kurstein Sant
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsillier Adrian Farrugia

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**446.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**446.1.2** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra t'apoloġija tal-Kunsillieri Francine Farrugia u Adrian Farrugia.

**446.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**446.2.1** Inqraw il-Minuti tas-Seduta 445. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsiller Julian Borg issekonda. Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**446.2.2** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma kienx hemm punti mill-Minuti.

**446.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**446.3.1** Restawr Kappella tal-Karmu fil-Fawwara

Is-Sindku informa li saret diskussjoni mal-Ministeru tal-Kultura u mar-rappreżentanti tal-Kurja rigward ir-restawr tal-kappella tal-Fawwara. Ġejna infurmati li ser tinħareġ skema fiż-żmien qarib. Ġie kkunsidrat ukoll li x-xogħol neċessarju jinvolvi allokament finanzjarju konsiderevoli peress li hemm ħafna xogħol strutturali.

**446.3.2** Restawr Kappella taċ-Ċwerra

Is-Sindku qal li kkomunika mal-Kurja rigward l-iscaffolding ta' mal-kappella taċ-Ċwerra. Hu qal li l-Kunsill infurmahom bid-diversi rapporti dwar periklu u anka biċċiet li qed jaqgħu. Hu qal li dan l-iscaffolding kellu jitpoġġa b'ordni tal-Qorti minħabba periklu tal-istess bini.

**446.3.3** Proġett Pjazza San Nikola

Is-Sindku qal li bdew id-diskussjonijiet dwar il-pjan tal-Pjazza bi proposti diversi. Is-Sindku propona laqgħa pubblika fejn inqanqlu interess kemm tar-residenti, tas-sidien tal-ħwienet u anka persuni tekniċi li jistgħu jagħtu idejat prattiċi, moderni u innovattivi, fl-aħjar interess tal-komunita'.

**446.3.4** Newsletter

Is-Sindku nforma li x-xogħol fuq in-newsetter lest biex imur għall-istampar. Hu qal li l-fuljett informattiv tal-Kunsill għandu jinżamm regolari għax permezz tiegħu jintlaħqu r-residenti li m'għandhomx aċċess għal midja soċjali, biex b'hekk jinżammu aġġornati x'qed jiġri fil-lokalita'. Hu rringrazja lill-kunsilliera li taw il-kontribut.

**446.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**446.5** **Laqgħa mal-Kap Eżekuttiv Transport Malta**

**446.5.1** Is-Sindku nforma li saret laqgħa mac-CEO ta' Transport Malta fejn attenda flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Is-suġġett ewlieni kienu l-arranġamenti tat-traffiku propost fi Triq is-Siġġiewi u issues pertinenti max-xogħolijiet. Dwar ir-roundabout il-policy hija ċara kif diġa infurmati li jkollhom jitneħħew il-parkeġġi. Ġiet mistiedna wkoll il-Perit Antoinette Conti bħala esperta fejn għamlet xi proposti alternattivi. Intalab li l-perit tal-Kunsill jagħmel kuntatt mal-perit Conti biex jiddiskuti dawn il-proposti. Is-Sindku qal li peress li x-xogħol huwa lest, irridu nipproċedu mill-aktar fis. Il-Kunsillier Kurstein Sant staqsa jekk il-proposta kif approvata mill-Kunsill tar-roundabout hijiex ruled out. Huwa qal li nnota wkoll li żdiedu numru ta' parkeġġi fl-istess area.

**446.5.2** Is-Sindku qal li dan japplika wkoll għal proposta ta' parkeġġi fi Triq Papa Pawlu VI, fejn ir-regolamenti li jimxu magħhom TM huma stretti minħabba liability. Filfatt, ic-CEO qalilna li qed isir eżerċizzju fil-lokalitajiet kollha biex issir regolarizżazjoni. Is-Sindku qal li għalissa, l-aħjar ma jsirux linji ta' parkeġġ fit-triq biex ma jinħoloqx inkonvenjent.

**446.5.3** Is-Sindku qal li appik li jindeba x-xogħol fuq Triq Annabelle Vassallo, Triq l-Imqabba u Triq Lapsi. Biex inkunu pro-attivi qed naraw il-proposti tat-traffiku f'din iż-żona li taffetwa wkoll it-traffiku fi Triq il-Knisja l-Qadima.

**446.6 Konkluzjoni tax-xogħlijiet fi Triq is-Siġġiewi, Triq Papa Pawlu VI u Triq il-Palazz tal-Verdala**

**446.6.1** Is-Sindku qal li inltaqa' diversi drabi mar-residenti ta' Triq il-Palazz tal-Verdala fejn tiżbokka fil-bypass minħabba li kien hemm xi diżgwid minħabba parkeġġ. Is-Sindku qal li hemm parti mit-triq fejn diġa għaddew is-servizzi u anka ingħatat wiċċ li individwu partikolari qed jinsisti li din hija privata u allura mhux iħalli lil min jipparkja. Huwa qal li din il-kwistjoni għadha tiġi kjarifikata. Is-Sindku qal li wara li ġie ċċekjat mal-Urban Development Plan jidher li din il-biċċa triq hija pubblika u fiha hemm biċċtejn li għandhom jiġu bil-ħamrija. Hu qal li l-fatt li t-triq ingħatat wiċċ minn Infrastructure Malta ma jindikax li din hija privata iżda ser jiltaqa' mac-CEO ta' IM biex din il-kwistjoni tiġi kjarifikata mill-iktar fis ħalli x-xogħol ikun jista' jiġi konkluż. Is-Sindku qal li s-sid tal-garaxxijiet qal li hemm ukoll problema fl-immanuvrar tal-vetturi peress li qegħdin skontru u allura faċċata ma jistax isir parkeġġ.

**446.6.2** Il-Kunsillier Julian Borg qal li konna semmejna li waqt l-eżekuzzjoni tax-xogħol jgħaddu id-ducts għal eventwalita' ta' lights biex wara nevitaw li t-triq terġa titħaffer u anka biex ma jintefqux spejjeż żejda. Is-Sindku qal li dan kien indikat lil-IM u hekk kellu jsir. Hu qal ukoll li l-pożizzjoni tal-arblu tal-lights fejn tpoġġa f'nofs entratura ta' garaxx għandu jiġi spusjat għal raġunijiet ovvji. Il-Kunsillier Julian Borg propona li jkollna kopja tal-pjan tad-ducts għal eventwalita' ta' xogħol futur.

**446.6.3** Re l-kwistjoni tal-parkeġġi privati fi Triq il-Palazz tal-Verdala, il-Kunsillier Borg qal li skond il-pjan din tidher ċara li tinfetaħ it-triq, isir parkeġġ pubbliku u jkun hemm biċċtejn ħamrija kif jidher.

**446.7 Proġett installar Belisha Lights crossing fi Triq Dun Manuel Zammit**

**446.7.1** Is-Sindku qal li wara site visit fuq il-post mal-kuntratturi, wara li sar evalwazzjoni tax-xogħol li hemm bżonn jidher li x-xogħol ta' trinkar huwa ħafna iktar minn dak kalkulat. Dan ifisser li l-ispiża tal-proġett kollu telgħet drastikament. Dan il-proġett ġie imsemmi wkoll waqt il-laqgħa li kellna mac-CEO ta' Transport Malta, fejn wara li insistejna dwar l-importanza u l-urġenza ta' dan il-proġett minħabba sigurta', urejna wkoll il-prejokkupazjoni tal-ispiża finanzjarja. Ġie ssuġġerit li jintużaw belisha solari, kif intużaw f'lokalitajiet oħra, li għalkemm l-ispiża tagħhom hija għola u hemm ukoll spejjeż tal-batterija kull ċertu żmien, nkunu qed neliminaw ix-xogħol ta' trinkar biex nissuplixxu d-dawl u allura huma iktar fattibbli. Sadattant, applikajna għall-permessi neċessarji ma' Transport Malta u qed niċċekjaw mal-Kuntrattur dwar stima għal belisha solari u d-disponibilta'. Malli jkollna l-informazzjoni kollha, nkunu nistgħu nipproċedi. Huwa pjanat li sal-aħħar tas-sena l-proġett ikun tlesta.

**446.8 Konklużjoni tax-xogħlijiet fuq il-proġett tal-Bandli u ftuħ uffiċjali**

**446.8.1** Is-Sindku informa li x-xogħol kif pjanat kważi tlesta. Hu qal li kien hemm bżonn xi xogħol addizzjonali mill-istess Kuntrattur li ma kienx inkluż fil-kuntratt u li qed jitkompla mal-andament. Is-Sindku qal li inbidlu il-bibien tat-toilets li kienu ġew valdalizżati u ma setgħux jissewwew aktar. Hu qal li din id-darba saru tal-ħadid biex ikunu iktar b'saħħithom u fuqhom twaħħlu stickers apposta bi stampi attrajenti għat-tfal.

**446.8.2** Qal ukoll li sar manutenzjoni estensiva tal-apparat kollu tal-bandli fejn kellhom jinbidlu diversi partijiet anka wara valdaliżmu. Peress li l-pjan biex isiru ħwat ma setax isir minħabba raġunijiet infrastrutturali, żdiedu diversi siġar, arbuxelli u anka pots fil-passaġġ. Is-Sindku qal li ser isiru posters edukattivi mal-ħajt ta'wara. Biex tiżdied is-sigurta', ser ikun hemm iktar sorveljanza mill-Pulizija tal-Komunita' kif ukoll tpoġġew 2 cctvs fil-kmamar tat-toilets ovvjament kif tippermetti l-liġi. S'issa għadu ma kienx possibbli 'feasable' li titpoġġa persuna għassa anka peress li dan jinvolvi ammont ta' flus, iżda qed isiru spezzjonijiet spissi mill-pulizija u anka mill-ħaddiema tal-Kunsill kull filgħodu.

**446.8.3** Is-Sindku qal li aktar kmienu kellu laqgħa mal-Kap tal-iskola flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv fejn esiġejna dwar l-importanza tal-edukazzjoni kontra l-vandaliżmu. Il-Kap tal-Iskola qalet li l-problema tal-każijiet soċjali qed tiżdied u din taffetwa kemm l-ambjent tal-iskola u anka ta' barra. Is-Sindku qal li għamilna stedina biex ikun hemm rappreżentanza ta' tfal fil-ftuħ tal-bandli li ser isir il-Ħamis 26 ta' Ottubru 2023 fl-10am. Għal din l-okkazjoni ser ikun hemm ukoll rappreżentanza tal-Pulizija tal-Komunita' u tberik mill-arċipriet.

**446.9** **Xogħol Proġett Family Park**

**446.9.1** Is-Sindku informa li x-xogħol miexi b'ritmu tajjeb u kif pjanat. Hu qal li qed issir laqgħa ta' koordinament kull ġimgħa fejn jingħata aġġornament fuq l-edekuzzjoni u tinżamm komunikazzjoni minn persuni tekniċi fuq l-andament tax-xogħolijiet. Is-Sindku qal li saret l-applikazzjoni mal-Enemalta biex isir spustament tal-arbli eżistenti u jgħaddu s-servizzi minn taħt minħabba estetika. Huwa qal li mat-tlestija tal-proġett, it-triq għandha tingħata l-asphalt minn Infrastructure Malta biex il-proġett ikun komplut. Is-Sindku qal li kien hemm talba minn residenti biex jitneħħew parti mill-barrikati biex ikunu jistgħu jipparkjaw. Minkejja dan, ma jistgħux jitneħħew minħabba li l-area sħiħa bħalissa hija dikjarata sit ta' kostruzzjoni u allura hemm ċerti regolamenti ta' sigurta'. Is-Sindku qal li meta l-proġett jitlesta ser ikun hemm żieda ta' parkeġġi fiż-żona kif pjanat.

**446.10** **Xogħol Proġett Kommunitarju fi Triq Annunziato Schembri u Triq it-Tabib Kalċidon Vella**

**446.10.1** Is-Sindku qal li l-proġett komunitarju ser jibda fil-jiem li ġejjin mill-ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet. Hu qal li għalissa sar kuntatt mal-Enemalta biex jiġi skonnettjat id-dawl, jitneħħew il-fanali, il-bankijiet u qsari u jibda jinteħħa l-madum.

**446.11** **Bidu xogħol ta' restawr fuq il-Kappella tal-Lunzjata fis-Salib tal-Għolja**

**446.11.1** Is-Sindku informa li dalgħodu kien hemm konferenza stampa mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali fejn ġie mniedi bidu tax-xogħolijiet tal-kappella tal-Lunzjata tal-Għolja. Fil-preżenza tal-perit u l-kuntrattur tal-proġett ġie aċċennat l-importanza ta' kuntatt u aġġornamenti fuq ix-xogħolijiet, kif ukoll antiċipajna l-aċċess għall-attivita' tal-mixgħela u kkonfermajna li l-attivita' tkun tista' ssir, b'aċċess limitat minħabba li jkun hemm xogħolijiet għaddejjin.

**446.12** **Bidu tax-xogħol on site fuq il-Proġett tar-restawr taz-zuntier tal-Knisja Parrokali**

**446.12.1** Is-Sindku qal li attenda għal laqgħa mad-Direttorat u l-Kurja rigward l-andament tax-xogħolijiet. Huwa qal li x-xogħol tat-tqattiegħ tal-blat f'Modica miexi kif pjanat. Fuq ftehim mal-Parroċċa, it-tqegħid ser jibda wara l-festi tal-Milied, biex b'hekk ikun hemm progress sal-festa, u minn hemm nimxu pass pass. Hu qal li semma wkoll iċ-ċelebrazzjoni tal-mixgħela biex il quddiem inkunu nafu f'liema stadju ser ikun għal ġimgħa tal-Għid.

**446.13** **Iffirmar tal-Ġemellaġġ ma' Bari**

**446.13.1** Is-Sindku qal li bħala delegazzjoni tlajna għall-iffirmar tal-ġemellaġġ ma' Bari nhar is-Sibt 14 t'Ottubru 2023. Hu qal li żgur kienet esperjenza pożittiva fejn irnexxielna niffinalizzaw ftehim ma' Belt daqstant importanti u għal qalb is-Siġġiwin. Is-Sindku rringrazzja l-koordinament li kien hemm bejn is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sra. Yvette Portelli flimkien mal-amministrazzjoni tal-Comune di Bari biex tħejja l-programm u l-loġistika ta' din iż-żjara. Hu qal li l-Comune di Bari ospitana b'rispett kbir. Hu qal li f'din il-laqgħa ddiskutejna l-oqsma ta' koperazzjoni futuri, b'koordinament u involviment mal-għaqdiet lokali.

**446.13.2** Is-Sindku qal li issa l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jmiss li nirreċiprokaw l-istedina lis-Sindku ta' Bari u delegazzjoni mill-Comune, fejn dak inhar stess ħabbar l-istedina għall-okażjoni ta' Jum is-Siġġiewi fl-1 ta' Marzu. Hu qal li issa għandha ssir stedina uffiċjali fejn nistennew il-konferma minn naħa tagħhom u immedjatament nibdew bil-preparamenti. Huwa qal li hu xieraq li s-serata tal-Onorefiċenza ssir fil-Parroċċa ta' San Nikola, bl-involviment tal-parroċċa u l-għaqdiet. Hu qal li dan il-ġemellaġġ għandu jinżamm ħaj tul is-snin.

**446.14** **Programm attivitajiet Milied 2023**

**446.14.1** Is-Sindku informa li l-preparamenti għall-programm tal-Milied għaddejjin b'ritmu tajjeb. Il-programm ser ikun mifrux fuq ix-xahar ta' Diċembru. L-armar tat-toroq ser jibda mill-bidu ta' Novembru biex fil-25 ta' Novembru, xahar qabel il-Milied isir il-ftuħ ta' attivitajiet billi tinxtegħel il-Pjazza. Is-Sindku qal li din id-darba ma hemmx finanzjament minn skemi u l-ispiża ser tkun kollha finanzjata lokalment, u għalhekk għandha tinżamm baxxa. Hu qal li bħala dwal u tinżjin ser jintużaw li inxtraw is-sena l-oħra. Is-Sindku qal li din is-sena ser isiru diversi attivitajiet żgħar mifruxa f'diversi żoni tas-Siġġiewi minflok l-attivita kbira fil-Pjazza biex ninvolvu lill-komunita' kollha. Hu qal li qed tinġabar informazzjoni dwar l-attivitajiet li ser jagħmlu l-għaqdiet u jiġi stampat kalendarju ta' attivitajiet u mqassam fid-djar. Is-Sindku ħeġġeġ lill-kunsilliera biex jagħtu sehemhom fl-organizzazjoni.

**446.15** **Ftehim propost bejn il-Kunsill Lokali Siġġiewi u The Notebook Centre**

**446.15.1** Is-Sindku qal li saret talba minn kumpanija privata biex toffri servizz ta' assistenza fuq IT lir-residenti Siġġiwin, fuq ftehim annwali finanzjat mill-Kunsill. Hu qal li ser isaqsi għal iktar informazzjoni.

**446.16** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**446.16.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**446.16.2** Il-Kunsillier Julian Borg ġibed l-attenzjoni fuq PC0033/18
*Un-Named, Triq Lazzru Pisani, Triq Bari, Triq Nikol Buhagiar, Siggiewi*
*Description of works: Revision to South Malta Local Plan - Establishment of official alignments, building heights and designations which include areas for development, green areas and a buffer zone*

Hu qal li l-Kunsill preċedenti kien diġa għamel sottomissjoni fl-2018 u ssuġġerixxa li jiġi kkonsultat il-Perit tal-Kunsill għall-pożizzjoni bbażata fuq l-istess sottomissjoni, u ssir reviżjoni jekk hemm xi kunsiderazzjonijiet oħra. Din tagħlaq fil-15 ta' Novemberu 2023. Is-Sindku talab qbil fuq dan u li s-sottomissjoni diġi ċirkolata lill-Kunsilliera qabel tiġi sottomessa. Il-Kunsill unanimament qabel.

**446.16.3** Inġibdet l-attenzjoni fuq PA/06625/22
*Location of development: Mar Casar La Maison du Vin Naturel Winery, Triq San Lawrenz tal-Gholja, Siggiewi*
*Description of works: Proposed change of use from wine tasting and retailing area to ancillary bottling and packing area within the approved underground winery and proposed ancillary structure over approved underground reservoir to be used for ancillary wine tasting and retailing using reversible low carbon materials including hempcrete and engineered timber.*

Is-Sindku qal li s-sid flimkien mat-tekniċi kienu għamlu preżentazzjoni lill-Kunsill dwar x'qed jipproponu f'din l-applikazzjoni. Il-Kunsill iddiskuta din l-applikazzjoni u qabel li, bħala tali, għalkemm mhux kuntrarju għall-proposta fil-prinċipju, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi huwa tal-opinjoni professjonali li l-proposta għandha tiġi evalwata skont il-Linji Gwida DC2015 tal-Awtorità tal-Ippjanar u/jew dokumenti ta' awtoritajiet rilevanti. Il-Kunsill dejjem jrriżerva id-dritt li jagħmel aktar rappreżentazzjonijiet u jibqa bid-dritt li jkun infurmat dwar kwalunkwe tibdil f'din il-proposta.

**446.17 Rapport tal-Korrispondenza**

**446.17.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**446.17.2** SPI/SCI/5/2023 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali.
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-applikazzjoni għal din l-iskema ma kienetx eliġibbli.

**446.18 Rapport tal-ilmenti**

**446.18.1** Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**446.19 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**446.19.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

**446.19.2** Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Fuq il-pagamenti ittiehed vot fejn Is-Sindku, Vici-Sindku u l-kunsillier Kurstein Sant ivvutaw favur filwaqt li L-kunsillier Julian Borg u l-kunsillier Gillian Farrugia Pace ivvutaw kontra.
Il-pagamenti gew approvati b'maggoranza tal-voti ta' dawk prezenti.

Spejjeż Festa Għeneb 2023
Il-Kunsillier Julian Borg qal li skond il-lista tal-pagamenti sal-lum, l-ispiża qabżet l-€40 elf. Hu staqsa jekk hemmx iktar pagamenti pendenti jew jekk din hix il-lista finali. Is-Segretatju Eżekuttiv wieġbet li hemm pagamenti għad iridu jiġi riċevuti. Hu qal li jifhem li biex ittella' attivita' ta' kwalita' fuq jumejn hemm bżonn ċertu spejjeż pero il-Kunsill għandu l-limitazzjonijiet tiegħu fejn jirrigwarda finanzi, u anka biex il-finanzi jintefqu bi prijorita' u mhux fuq attivita' ta' jumejn. Hu innota li hemm pagamenti f'iskeda li jmorru kontra il-Financial Procedures li ghandu jsegwi Kunsill Lokali. Il-Kunsillier Borg qal li l-lista tal-ispejjeż idejalment tgħaddi quddiem il-Kunsill qabel u mhux wara li x-xogħol ikun sar.

Is-Sindku qal li l-Kunsill japplika għal kull skema li toħroġ biex ikollna fondi addizzjonali, iżda l-ammont li l-kunsill jingħata ma jkunx biżżejjed. Hu qal li attivita' bħal dik trid ħafna preparamenti u loġistika u meta ma jkunx hemm għajnuna ta' riżorsi umani l-piż jaqa kollu fuq l-istess nies. Madankollu, l-attivita' xorta ittellgħet u kienet ta' livell għoli.

**446.19.3** Il-Kunsillier Gillian Farrugia Pace qalet li ma taqbilx li l-ispejjeż jiġu a konoxxenza tal-Kunsill ġaladarba x-xogħol ikun sar, iżda li jiġu preżentati qabel. Is-Sindku qal li kemm il-darba ħeġġeġ biex kull kunsillier jagħti s-sehem tiegħu u hija ironika li min ma jagħtix sehmu jikkummenta wara l-attivita'. Huwa qal li kulħadd għandu r-responsabiltajiet tiegħu.

**446.19.4** Il-Kunsillier Julian Borg talab li sas-Seduta li jmiss ikollu lista tal-ispejjeż tal-aħħar ħames attivitajiet ta' Festa Għeneb.

**446.19.5** Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Fuq il-pagamenti ittieħed vot fejn is-Sindku, Vici-Sindku u l-kunsillier Kurstein Sant ivvutaw favur filwaqt li L-kunsillier Julian Borg u l-kunsillier Gillian Farrugia Pace ivvutaw kontra.
Il-pagamenti ġew approvati b'maġġoranza tal-voti ta' dawk preżenti.

**446.20** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**446.20.1** Is-Sindku staqsa jekk hemmx żviluppi dwar il-proposta tal-mafkar tal-Prof. Albert Fenech. Il-Viċi Sindku wieġbet li m'hemm l-ebda żvilupp peress li l-familjari qatt ma taw id-disponibilta' tagħhom. Is-Sindku qal li issa għadda żmien biżżejjed u hemm bżonn jingħata deadline u niproċedu. Il-Kunsillier Julian Borg propona li ssir laqgħa ta' diskussjoni għal dan il-proġett.

**446.20.2** Il-Kunsillier Kurstein Sant qal li kkuntattjawh xi residenti li qed jaqilgħu ċitazzjonijiet meta jipparkjaw fuq il-parkeġġ tal-coaches tal-Limestone Heritage fi Triq Mons Mikiel Azzopardi matul il-lejl. Hu qal li dak il-ħin il-parkeġġ ma jintużax mill-coaches u allura jiproponi li jsir timed parking biex jibbenefikaw minnu r-residenti, anka peress li hemm problema kbira ta' parkeġġ. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta.

**446.20.3** Is-Sindku qal li infurmat mir-residenti li qed ikun hemm speed guns fi Triq is-Siġġiewi (il-benniena) u li twaħħlu tabeli tal-veloċita ta' 30km. Hu saqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk il-Kunsill hux infurmat dwar dawn. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fin-negattiv. Hi qalet li f'dik it-triq ser isir xogħol ta' tranġar ta' ħitan tas-sejjiegħ qabel tidħol is-Siġġiewi u hemm il-permessi meħtieġa. Qalet li jista' jkun twaħħlu minħabba dawn ix-xogħolijiet. Is-Sindku taleb li jsir stħarriġ dwar dan.

**446.21** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

**446.21.1** Il-laqgħa intemmet fis-7.50 ta' filgħaxija.

**446.21.2** Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 20 ta' Novembru 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 20 ta' Novembru 2023

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv